MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Numru. 364/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Kersten Catania**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Kersten Catania**, ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena, iben Dimitrio u Grace neé Cini, imwieled Pietà nhar l-14 ta’ Awwissu 1991, residenti Carmen Flat 2, Triq is-Serkin, Marsa, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 422191(M), , akkuzat talli:

1. fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Dicembru 2009 mill-Qormi Football Club Nursery, li jinsab fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, flimkien ma’ persuni ohra kkometta serq ta’ diversi oggetti liema serq huwa aggravat bl-ammont li

jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) izda ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Kevin D'Amato u/jew persuna/i ohra;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiheor, mobbli jew immobbli, u cioé fuq *vending machine*, liema ammont ta' hsara jiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad-detriment ta' Kevin D'Amato u/jew persuna/i ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti tal-inkjesta magisterjali ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati

addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, u l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 261(b), 261(c), 261(f), 263, 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Kersten Catania taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Kersten Catania bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Kersten Catania.

Fl-ahhar nett, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' erba'

mija u sebgha u erbghin Euro u disgha u sebghin centezmu (€ 447.79) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti fl-inkjesta magisterjali li giet ezebita fl-atti ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------